KLR 4/VIII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru 2019 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

ASSENTI: Il-membru Michel Buttigieg.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

4.2.1 skont l-Avviż Legali għal Gvern Lokali sa tlett xhur wara mill-bidu ta' l-operat tal-leġiżlatura, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill. Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019 fis-19.00;

4.2.2 skont l- Avviż Legali għal Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Ezekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunux jista' jaġixxi. Il-membri qablu li jiġi nominat is-Sur Joebert Galea.

4.2.3 ġiet sottomessa l-applikazzjoni flimkien mal-Kunsill Lokali t'Għajnsielem fir-rigward tal-'*Grant for Permanent Sustainalbe Mobilty Measures'*.

4.2.4 l-Comune ta' Nichelino f'Turin fl-Italia, li miegħu il-Kunsill hu ġemellat għandu l-ħsieb li jorganizza wirja ta' presepji bjen il-25 ta' Novembru u l-25 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill tagħna ġie mistieden jipparteċipa. Il-membri qablu li l-Kunsill jibgħat żewġ esibiti ta' Rabtin li jkollhom presepji għall-wiri. Il-Kunsill ser jiffinanzja t-titjiriet, *transfers* u akkomodazzjoni ta' dawn iż-żewġ persuni li magħhom ser ikun hemm rappreżentant mill-Kunsill. Il-persuni magħżula ser jittellgħu bix-xorti minn fost dawk li juru nteress.

### 4.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

4.3.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Contract Manager* f'kull Kunsill Lokali. Il-membri qablu li l-Kunsill jibda x-xogħol preparatorju sabiex tinħareġ offerta biex jiġi offrut dan is-servizz;

4.3.2 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward:-

4.3.2.i ir-rapport maħruġ mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali fuq l-evalwazzjoni tal-iskema tal-ħaddiema mal-CWSEF;

4.3.2.ii l-inkonvenjent ta' kif wieħed jista' jikkontrolla bl-aktar mod uman il-ħamiem li jkun qed jittajjar fi spazji pubbliċi. Il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex jinfurmaw lill-Assoċjazzjoni bil-postijiet li jista' jkollhom din il-problema. Il-membri qablu li l-Kunsill iniżżel dawn il-postijiet:- Triq il-Belliegħa, Trejqet l-Exchange, Triq Agius De Soldanis, Triq Repubblika u Triq Librerija;

4.3.2.iii inizjattivi tal-Wasteserv;

4.3.2.iv il-*Council's Communication Executive*.;

4.3.3 l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward PA/01423/19 – *Proposed extension of outdoor catering area Class 4C and Calss4D on public open space comprising of tabels, chairs, timber-like planters and demountable covering umbrella* quddiem 28, Triq Sir Mikelanġ Refalo u Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill kien oġġezzjona għalhekk ġie nfurmat li ġie ntavolat appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, appell numru 00305/19. L-Avukat tal-Kunsill għandha tirrispondi skont il-deċiżjoni tal-Kunsill;

4.3.4 l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward PA/11267/18 - *To construct 3 washrooms at roof level fl-Airspace*, 'Maple Leaf Court', Triq Pawlu Portelli. Il-Kunsill gie mgħarraf li ġie ntavolat appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, appell numru 00300/19. Il-Kunsill ma jidħolx fuq applikazzjonijiet li jsiru f'postijiet privati;

4.3.5 is-Segretarja għall-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq – Għawdex fejn il-membri tal-Kunsill ġew infurmati sabiex ma jibgħatux proposti għal toroq ġodda biex jissemmew fir-Rabat. Dan minħabba li fir-Rabat m'hawnx toroq ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li meta jkollu proposti mingħand ċittatdini biex jissemmew toroq ġodda fir-Rabat, il-Kunsill jgħaddi din il-proposta lil dan il-Kumitat peress li hu l-entita' li jieħu d-deċiżjoni finali għat-tismija tat-toroq. Il-Kunsill jibgħat lil dan il-kumitat sabiex il-porposti jinżammu fl-lista biex jiġu kkunsidrati jekk issir xi triq ġdida. Il-Kunsill jissuġġerixxi u qatt ma mpona sabiex jinbidlu ismijiet ta' toroq u dejjem mexa mal-linji gwida għat-tismija tat-toroq, ġonna eċċ.;

4.3.6 il-Familja Agius li toqgħod fi Triq Arċipriet Saver Cassar. Qed jintalab sabiex ġebliet antiki li jinsabu ma bieb fil-kantuniera ma Triq San Ġorġ, jitneħħew minħabba li dawn ikollhom bżonn jużaw il-vettura tagħhom minħabba kundizzjoni medika fil-familja. Billi t-toroq huma dojoq il-parir li din il-familja għandha hu, li meta jinqala' l-kas, ikun aħjar jekk jużaw il-karozza tagħhom għall-isptar mill-jistennew l-ambulanza, li xorta ma tgħaddix mit-toroq dojoq. Il-

Kunsill jgħaraf li l-prijorita' hi s-saħħa tar-resident u għaldaqstant ma jsibx oġġezzjoni jekk il-familja Agius tottjeni l-permessi neċessarji sabiex jitneħħew il-ġebliet in kwistjoni;

4.3.7 Josef Said rigward il-bejgħ ta' frott u ħaxix minn trukk fil-parkeġġ il-kbir. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jkollu l-permessi kollha neċessarji u li tmiss mal-ligi applikabbli skont l-istess permessi;

4.3.8 John B Pace fejn qed jissuġerixxi li jitneħħew *wires* u *cables* li jkunu mdendla ma faċċati ta' djar privati. Kull meta jagħmel triq ġdida l-Kunsill dejjem jipprova li l-*cables* il-ġodda jgħaddu minn *culvert* li jinbena apposta taħt l-art. Dan kif sar fi Pjazza San Ġorġ, Pjazza Indipendenza, Pjazza Savina u Triq Sir Adrian Dingli. Pace għandu jiġi nfurmat b'dan;

4.3.9 Marie-Clare Church, *Communications Executive* - Lidl, fejn il-Kusnill qed jiġi nfurmat li din il-kumpanija għandħa x-xewq li tħawwel siġar kull fejn għandhom stabliment. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li jitħawlu fil-*playing field* peress li hemm id-*drip irrigation*;

4.3.10 Georg Mario Mizzi li jħallas il-permess ta' *market hawker*, qed jitlob li jkollu spazju fil-monti ta' Pjazza Savina. Il-membri qablu li peress li għad hemm il-każijiet tal-monti fil-Qorti t'Għawdex, din it-talba għandha titniżżel fil-*waiting list* ta' perusni li qed jitolbu kaxxi f'dan il-monti. Sakemm kienet qed tiġi diskussa din il-materja, il-membru Portelli ħarġet mill-kamra peress li Mizzi jiġi minnha.

## 4.4 Immaniġjar tat-traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

4.4.1 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq il-Madonna tal-Ġilju;
4.4.2 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx ta' 'Villa Gelmus', fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
4.4.3 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Mro Dirjano Lanzon;
4.4.4 *un/loading bay* quddiem 'Tasika', fi Triq Frotunato Mizzi.

4.4.5 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Frances Caruana ta' 36, Triq San Duminku. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' TM sabiex;

4.4.6 isir *flexible bollard* u *1 metre yellow lines* fi Pjazza Savina quddiem garaxx ta' Dun John Meilak. Jiġi suġġerit ukoll li jsiru xi forma ta' *vehicle stopper* biex il-vetturi ma jagħlqux il-gandott li hemm mal-bankina minħabba li l-ilma tax-xita qed jidħol fil-kantini peresss li l-vetturi jipparkjaw fuq il-*gutter* tal-mgħodija tal-ilma;

4.4.7 jitneħħa *disabled parking bay* fi Triq Repubblika li hemm quddiem ir-residenza tal-familja Abela. Dan minħabba li dan il-parkeġġ m'għadx għandu l-bżonn li jintuża. Fi Triq Repubblika, minn salib it-toroq il-fuq hemm żewġ parkeġġi oħra li jistgħu jintużaw minn min għandu l-*blue sitcker*;

4.4.8 ikunu jistgħu jipparkajaw vetturi fl-*area* ta' Pjazza Indipendenza bejn it-20.00 u s-07.00;

4.4.9 isiru *CCTVs* u *rumble strips* fi Triq it-Tabib Anton Tabone (bħal ma saru fil-*bypass* tal-Mellieħa).

**4.5 Qadgħa Finanzjarja**

Ġie mistieden jidħol fil-kamra l-*Accountant*, John Buttigieg. Hu spjega fid-dettall l-aħħar *financial staments* għas-sena 2018. Il-membri għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-*Accountant* u dan irrispondihom. Il-membri għandhom stampa ċara ta' kif jintefqu l-fondi allokati lill-Kunsill.

**4.6 Proġetti**

Il-membri ġew mġħarrfa li:-

4.6.1 l-Awtorita' tal-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni fuq il-proġett ta' Pjazza Santu Wistin u Pjazzetta fuq it-Tomba. ( DN/01289/18);

4.6.2 ix-xogħol tar-restawr tan-niċċa t'Għajn Qatet ingħata lit-tieni offerant li hu Savio Bugeja. Dan minħabba l-fatt li l-ewwel offerant ma mexiex mar-rekwiżiti tal-offerta. Sadanittant intalbet estensjoni lill-eko-Għawdex sabiex jingħata iktar żmien sabiex jitlesta dan ix-xogħol;

4.6.3 fuq il-proġett tat-tarmak fi Triq Ġorġ Pisani, saret *site visit* mill-kuntrattur u l-Perit. Irriżulta li meta jsir it-tarmak ser tinħoloq problema bil-mgħodija tal-ilma tax-xita, peress li dan ser jaqa' fl-egħlieiqi li jmissu mat-triq. Il-Kunsill talab laqgħa mal-Perit tal-Ministeru għal Għawdex peress li l-fondi biex issir din it-triq ġew ivvutati mill-istess Ministeru. Minn naħa tad-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp, il-Kunsill ġei nfurmat li l-Minsiteru ffirma kuntatt mal-Kunsill fejn ir-responsabilita' tal-implimentazzjoni tal-porġett għaddiet f'idejn il-Kunsill u jekk il-Kunsill ma jagħmilx ix-xogħol kif miftiehem, il-fondi jiġu rtitari. Il-Perit tal-Kunsill għandu jagħti l-gwidi tiegħu.

**4.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t'Settembru 2019 skont dokument A anness.

**4.8 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

4.8.1 l-kuntratt il-ġdid tat-tindif tat-toroq, wara li nħarġet l-offerta u ġiet aġġudikata, għandu jibda mill-1 t'Ottubru 2019;

4.8.2 l-Kunsill japplika fuq l-inizjattiva WIFI4EU. Il-posotijiet fejn għandhom jiġu suġġerit li jsir il-wifi huma:- l-pajzzetta ta'quddiem il-knisja tal-Kapuċċini fi Triq Patri Ġiacintu Camenzuli, Triq Palma, Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza, Pjazza Santu Wisitn u l-*area* tal-

Oratorju Don Bosco, l-*area* tal-grawnd u l-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E., Pjazza San Franġisk u Triq Vajrinġa u l-Villa Rundle, il-*Playing Field* u l-*Bus Terminus;*

4.8.3 l-kumpanija 'Infinate Fusion' tgħamel ukoll ix-xogħol għall-*video on demand*. Dan fuq stima ta' €1416.00;

4.8.4 jinżabbru s-siġar tal-ewkaliptus li hemm biswit id-dar 'Mariliana' fi Triq San Leonardu;

4.8.5 jiġi rappurtat lill-Pulizija li fil-parkeġġ il-kbir, kull nhar ta' Tnejn qed ikun hemm minn jarma bil-merċa u mhux ibigħ mill-vann biss iżda jintramaw *stands* fil-parkeġġi;

4.8.6 jinħarat il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone, jinżebgħu il-bankijiet u tiżdied *floodlight*.

**4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2019 fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv